# FERHA MHUX MISTENNIJA

Il-qawl Malti jghid li sal-Milied la bard u anqas ksieh. Izda mhux dik is-sena. Il-ksieh beda’ jinhass hafna qabel il-festi, anzi l-festa tal-Kuncizzjoni kienet imharbta minn ksieh u bard, xita u rih, xemx ftit li xejn u kull jum kien igib mieghu hafna shab ohxon bil-biza ta’ xi maltempata qalila.

“Il-jum it-tajjeb..kan…onk,” ghajjat Glormu bl-ahhar kelma imtawla. Mhux ghax Wenzu kien xi kanonku, izda ghaliex kien jaghmilha ta’ ceremonier f’celebrazzjonijiet solenni fil-knisja.

Wenzu dar lura u lemah lil Glormu u rreciprokalu t-tislima.

“Kemm int imleflef sew, Wenz, donnok mhux qed thoss bard,” qallu Glormu.

“Forsi rajt lil xi hadd hiereg bil-hwejjeg tas-sajf?,” staqsieh Wenzu. “Hares lejk u tisthajlek liebes rigment hwejjeg.”

“Tridx nidhlu niehdu kafe, forsi nishnu ftit u ma nixxarbux,” stiednu Glormu. U dlonk dahlu fil-bottegin tal-kazin. Xejn xejn jiffrankaw l-ewwel qtar tax-xita.

“Il-lum nahseb ma inziltx l-ghalqa mhux hekk, Glormu?” staqsieh Wenzu.

“Inzilt biss biex naghlef il-fniek u tlajt kemm jista’ jkun malajr. Tixriba ma tantx taghmel tajjeb la lili u lanqas lilek. Issa ma ahniex zaghzagh u b’naqra ta’ rih kapaci inkarkru hmistax jekk ma jkabarniex aktar,” wiegbu Glormu.

Kemm Glormu kif ukoll Wenzu kienu t-tnejn pensonjanti u z-zmien kienu jqattuh, wiehed mehdi fix-xoghol tal-knisja u l-iehor mehdi fix-xoghol ta’ l-ghalqa.

U kemm damu hemm tkellmu fuq kollox, mit-temp sa fuq x’ser jaghmlu fil-festi tal-Milied. Imma meta Glormu sema’ id-daqq tal-qampiena ta’ l-Angelus ta’ nofs inhar, qam flimkien ma’ Wenzu u t-tnejn irhewlha lejn darhom.

Glormu, malli fetah il-bieb ghajjat: “Tajba l-lum Marilen. Ir-rieha ta’ l-ikel li hawn fid-dar tikxfek li sajjart minestra.”

“L-itjeb ikla ghal dan iz-zmien tax-xitwa,” wiegbet Marilen.

Wara l-pranzu, Glormu xorob ftit imbid shuna biex jeghleb il-kesha ta’ gismu. Intasab fuq pultruna u tefa’ fuqu kutra. Ma damx wisq biex sahan u minn idejh waqa’ il-ktieb li kien qed jaqra’ u ntelaq rieqed qisu tarbija.



U kemm nahar bil-kbir. Hekk li martu Marilen li kienet qed tahdem par kalzetti ghat-tarbija li bintha kien ser ikollha ghall-Ghid il-Kbir, kellha tohrog mill-kcina u tmur fis-salott ghall-kwiet.

Ftit wara Glormu ghajjat: “Mari, habbat il-bieb, mur ara ftit min hemm.”

“U mur gharraq gennek, Glormu u hallina nghixu fil-kwiet”, qaltu minn taht martu li baqghet bilqieghda fuq is-sufan fis-salott.

Ghaddew ftit mumenti u Glormu mill-gdid ghajjat: “Marilen, smajtni, habbat il-bieb mur iftah ghax jekk inqum niehu rih. Min hemm thallix barra ghax jixxarrab daqs kemm niezla xita.”

“Mela halli nqum jiena u mmur niftah la l-ghaziza marti irrifjutat,” qal Glormu wara ftit tal-hin.

Marilen qaghdet tistennieh jghaddi minn quddiem il-bieb tas-salott ghax issa bdiet tahseb hi ukoll li verament xi hadd habbat il-bieb u hi mitlufa fix-xoghol tas-suf ma semghitux. Imma tistenna kienet u tistenna baqghet; Glormu ma ghaddiex minn quddiem il-bieb. U minn taht tghidx kemm dahqet. “Kemm johlom ikrah Glormu tieghi,” qalet Marilen.

Riedet tara kif ser tispicca din il-bicca tat-tahbita mal-bieb ta’ barra. Ghalhekk marret kwieta kwieta fuq il-ponot ta’ subghajha, dahlet fil-kcina u qaghdet bilqieghda fuq il-pultruna faccata ta’ Glormu.

“Ghaddu ghaddu gewwa ghax tkomplu tixxarrbu. Poggu bilqieghda hawn u ghiduli x’ghandkom bzonn,” tenna Glormu.

Quddiemu ra ragel, mara, it-tnejn ghadhom zaghzagh u tarbija tat-twelid. Hasibhom li kienu l-familja ta’ Betlem. U hekk kien.

*“Qabel xejn jisimni Guzeppi u din marti Marija. It-tarbija ghadha kif tweldditina go ghar ghax hadd ma ried jaghtina kenn.”*



“Tassew qlub hziena dawk li tlabtuhom ghajnuna u ma tawhilkomx.”

*“Kieku nistkennu ftit hawn qabel ma nkomplu l-vjagg taghna lejn Nazaret. Inhossuna ghajjenin ghax ilna nivvjaggaw.”*

“Is!  mela le. Haga zghira. Idhlu gewwa fil-kcina. Hemm aktar irdoss. Poggu bilqieghda, qisha darkom. X’noffrilkom?”

*“Xejn, xejn. Bizzejjed il-qalb tajba tieghek.”*

“Ara x-xejn ma jezistix hawn, taqsmu maghna dak li l-Bambin ipprovda.”

“Marilen ghamel ftit kafe bil-halib u newlilhom platt buskutelli.”

“Allura dik it-tarbija hija Gesu’ mhux hekk?” staqsa GLormu.

*“Iva,” wiegbet Marija.*

U wara li kielu u xorbu l-kafe, Guzeppi u Marija qaghdu jistriehu fuq is-sufan. Imbaghad qamu biex jitilqu.

“Hawn qisha darkom. Diga ghidtilkom. Itilqu x’hin u meta tridu. It-temp mhux galbu biex tivvjaggaw, imbaghad b’dik it-tarbija Ghaddu l-lejl maghna.”

*“Grazzi hafna,” wiegeb Guzeppi.*

U Guzeppi u Marija accettaw l-istedina u l-ghada filghodu Glormu hejjilhom kolazzjon abbundanti.

Qabel telqu Marija qaltlu:

*"Tassew qalbek tajba Glormu," wegbitu Marija.*

*"Qabel inhalluk x'tixtieq fil-hajja?" staqsietu Marija*.

"Jiena la flus u la rikezzi u anqas unuri ma rrid. Biss li jiena u marti nibqghu nhobbu lil xulxin sa mall-mewt tifridna. U li ngawdu t-tarbija li ghad tridi tigi fil-familja taghna ghal zmien il-Ghid."

*"Hekk ikun, Glormu."*

"Dan ghalikom," qalilhom Glormu fil-waqt li  fil-gewlaq Glormu poggielhom basket ikel ghal matul il-vjagg.

(S'intendi il-kliem miktub bil-korrusiv Marilen ma semitghux, izda basret x'kien.)

Marlien ma setghetx izzomm id-dahq. "Nahseb ahjar inqajmu u naghmillu l-kafe." U meta tefghet il-mishun mill-istanjata ghal gol-kikkra tghidx kemm ghamlet hsejjes bil-kuccarina biex hawditu. Ghal dak ic-cekcik, Glormu qam u ra lil martu tidhaq.

Wara li martu rrakontatlu dak kollu li semghet staqsietu: "U kif ma tlabtx li nirbhu jekk mhux ghalina, konnna nghadduhom lil Tereza. Dik bhalisssa zgur li taf kif tonfoqhom ghax fil-bzonn taghhom."

"X'jiswew il-flus hdejn il-paci tal-qalb, Marilen! Mhux ghaddejjin, jonqosna xi haga hlief li naraw dik in-neputija

ckejkna f’idejna u nkun il-parrinu taghha.” U ma kienitx kelma li qalilha, ghax Marilen daret ghal fuq l-attakk.

“Le hej, aktar xieraq li nkun jiena l-parrina taghha. Issa nghidilha kelma jiena lil Terez.”

“Ara li ma jfettilikx ghax hemm niksruha. Dik hija haga taghhom u ma ghandux ikun hemm ebda indhil. Tista’ tqanqal hafna inkwiet. Qed naghmililek cara tindahalx ghax bi kbira tigi,” wissieha Glormu. Marilen ghalqet halqaha u l-bicca waqfet hemm.

Ghall-Milied Glormu hejja naqra ta’ ikla zur minn hemm. Ma kienx xi kok ta’ lukanda, izda r-riha tfuh ta’ fenek imsajjar moqli bil-hwawar, fewwah it-triq kollha. “Ma ahna hawn,” ghajtet Tereza biex turihom li waslu ghal l-ikla. Ma naqsux li jghaddu kumpliment fuq ir-riha tfuh ta’ l-ikel li ghaliha Glormu wiegeb: “L-ewwel duqu, kulu, imbaghad kellmuni.”

Wara li kielu u kienu qed jiehdu d-dezerta, xoghol Marilen, Tereza qalet: “Ma u Pa, tafu li t-tarbija fi zmien tlett xhur ohra tara d-dawl tad-dinja u kemm jiena kif ukoll Patrick xtaqna li intom tkunu l-parrinijiet. Minn naha ta’ Patrick il-genituri huma nieqsa u nixtiequkom li tkunu intom l-parrinijiet tat-tarbija taghna. Xi tghidu?”

Kieku kont taqta’ l-irjus ta’ Glormu u Marilen ma kienitx tohrog qatra demm wahda li hija wahda. Harsu lejn xulxin u qabel ma setghu jwiegbu iva, Terza dahlet fin-nofs:  “Jaqaw ma jghogobkomx? Issibu xi diffikulta?”

“Haga bhal din qatt ma konna nistennewha”, qalitlha ommha, “Unur kbir ghalina li nkunu l-parrinijiet tan-neputija taghna. U ara biex nghidlek il-verita’ Tereza, bil-kemm kemm ma konniex ser niggieldu, ghax Glormu ried ikun hu u jiena xtaqt inkun jien. Imma issa jidher li kollox irranga ruhu. Mhux hekk Glormu?”

“U issa biex  niccelebraw din l-ahbar, ejjew nifthu wiehed mil-flixken ta’ l-imbid li ghandu annata ta’ 10 snin. U fit-twelid tat-tarbija nifthu iehor li ghandu annata ta’ hmistax il-sena.”

Meta bintha u Patrick telqu, Glormu qal: “Is-soluzzjoni giet



wahedha. Ejjew inbattlu li fadal fil-flixkun. L-imbid tela’ ghar-ras u t-tnejn bdew jizfnu qishom ghadhom zaghzagh ta’ xi 20 sena.

Meta c-cirkustanzi ikkalmaw Glormu ra kemm kien ghaqli li talab lil Marija, paci u imhabba fil-familja flok flus u kumdita'.